

# Ħarsa ġenerali lejn il-fatti u ċ-ċifri tal-MSDs: prevalenza, spejjeż u demografija tal-MSDs fl-UE

Sommarju eżekuttiv tal-Osservatorju Ewropew tar-Riskji

Awturi: Jan de Kok, Paul Vroonhof, Jacquejter Snijders, Georgios Roullis, Martin Clarke (Panteia), Kees Peereboom, Pim van Dorst (prestazzjoni umana vhp), Iñigo Issui (IKEI)

Ġestjoni tal-proġett: Lorenzo Munar, Mauricio Curtarelli (EU-OSHA).

Dan ir-rapport ġie kkummissjonat mill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA). Il-kontenut tiegħu, inkluż kwalunkwe opinjoni u/jew konklużjoni espressa, huma dawk tal-awtur(i) biss u mhux bilfors jirriflettu l-fehmiet tal-EU-OSHA.

**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib it-tweġibiet għall-  
mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea**

**Numru tat-telefon bla ħlas**

**(\*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(\*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800, jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (<http://europa.eu>). Id-data tal-ikkatalogar tista' tinstab fuq il-qoxra ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

© Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2019

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li s-sors jiġi rikonoxxut.

## Sommarju eżekuttiv

### Introduzzjoni

Il-mard muskuloskeletal (MSDs) jibqa' l-aktar problema tas-saħħa komuni relatata max-xogħol fl-Unjoni Ewropea (UE). L-MSDs jikkonċernaw ħaddiema fis-setturi u l-impjegji kollha. Minbarra l-effetti fuq il-ħaddiema nfushom, dawn iwasslu għal spejjeż għoljin għall-intrapriżi u s-soċjetà.

Sabiex tappoġġja lil dawk li jfasslu l-politika, ir-riċerkaturi u l-komunità tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH) fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) wettqet studju li jipprovi stampa preċiża tal-MSDs madwar l-Ewropa. Dan l-istudju jiġbor flimkien u janalizza d-data eżistenti dwar l-MSDs mill-istħarriġ ewlieni tal-UE u d-data amministrattiva. Din id-data titlesta u tiġi arrikkata b'data minn sorsi nazzjonali. Ir-riżultati ewlenin ta' dan l-istudju huma preżentati f'dan is-sommarju eżekuttiv<sup>1</sup>.

Il-mard muskuloskeletal (MSDs) huwa insuffiċjenza tal-istrutturi tal-ġisem bħall-muskoli, il-ġogi, l-għeruq, il-ligamenti, in-nervituri, il-qarquċa, l-għadam u s-sistema lokalizzata ta' ċirkolazzjoni tad-demm. Jekk l-MSDs ikunu kkawżati jew aggravati primarjament mix-xogħol u mill-effetti tal-ambjent immedjat li fih jitwettaq ix-xogħol, dawn ikunu magħrufa bħala **MSDs relatati max-xogħol**.

### Il-kuntest tal-politika

L-isfida tal-MSDs relatati max-xogħol ġiet rikonoxxuta u indirizzata fil-livell Ewropew permezz tal-adozzjoni ta' għadd ta' direttivi, strateġiji u politiki tal-UE. L-istrateġiji tal-Komunità tal-UE sa mill-2002 se jgħu l-prevenzjoni ta' MSD bħala qasam ta' prijorità biex jitjiebu s-saħħa u l-benesseri tal-ħaddiema.

Il-Qafas Strateġiku dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2014-2020<sup>2</sup> jiddefinixxi l-MSDs bħala waħda mill-isfidi ewlenin li għandha tiġi indirizzata. Dan jirrakkomanda li "għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-indirizzar tal-impatt tal-bidliet fl-organizzazzjoni tax-xogħol f'termini tas-saħħa fiżika u mentali: B'mod partikolari, in-nisa jistgħu jiffaċċjaw riskji speċifiċi, bħal pereżempju mard muskuloskeletal (...) bħala riżultat tan-natura ta' ċerti impjegji fejn huma rrappreżentati żżejjed." Dan jissottolinja wkoll il-bżonn li titjeb "il-prevenzjoni ta' mard relatat max-xogħol billi jiġu indirizzati r-riskji eżistenti, ġodda u emerġenti".

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Iktar Saħħa u Sikurezza fuq ix-Xogħol għal Kulħadd — Modernizzazzjoni tal-Politika u tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali<sup>3</sup> (mill-2017) tenfasizza l-fatt li "L-esponiment għal fatturi tar-riskju ergonomiċi jirrappreżenta waħda mill-problemi ewlenin tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol fl-UE llum. L-esponiment ripetut għal dawn ir-riskji jista' jirriżulta f'mard muskuloskeletal relatat max-xogħol – waħda mill-iktar mardiet serji u mifruxa relatati max-xogħol, li twassal għal piż ta' spiża maġġuri għall-individwi, in-negozji u s-soċjetà b'mod ġenerali."

Il-prevenzjoni biex il-ħaddiema ma jsofrux minn MSDs u l-promozzjoni tas-saħħa muskuloskeletal matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom, mill-ewwel impjeg tagħhom 'il quddiem, huma kruċjali biex ikunu jistgħu jaħdmu aktar fit-tul. Dan għalhekk jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-effetti fit-tul tat-tixji demografiku, f'konformità mal-oġġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

<sup>1</sup> Ir-rapport sħiħ u r-rapporti nazzjonali, inkluż rapport ta' sinteżi, huma disponibbli fuq:

<https://osha.europa.eu/mt/themes/musculoskeletal-disorders/eu-osha-research-activity-work-related-musculoskeletal-disorders>

<sup>2</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2014–2020", COM(2014) 332 final, p. 5 u p. 6. Disponibbli fuq <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2014:332:FIN>

<sup>3</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Iktar Saħħa u Sikurezza fuq ix-Xogħol għal Kulħadd - Modernizzazzjoni tal-Politika u tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali", COM(2017) 12 final, p.9. Disponibbli fuq <https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=16874&langId=en>

Għalhekk l-MSDs mhumiex biss sfida għas-saħħa okkupazzjonali, iżda wkoll sfida għas-saħħa pubblika, sfida demografika u sfida soċjali. Huma wkoll sfida Ewropea, u l-indirizzar tagħhom ifisser l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet tax-xogħol li jkunu sostenibbli tul il-ħajja tax-xogħol tal-ħaddiema Ewropej.

Dan is-sommarju jibda billi tingħata ħarsa ġenerali lejn is-sejbiet ewlenin tal-istudju, u wara jiġu ppreżentati diversi indikaturi ta' politika u messaġġi ewlenin.


L-MSDs jistgħu jiġu kkawżati minn ħafna (kombinazzjonijiet ta') fatturi differenti. Dawn jinkludu mhux biss fatturi fiżiċi (fejn it-tagħbija mekkanika applikata għat-tessuti muskuloskeletalni tista' tikkawża l-MSDs), iżda wkoll dawk organizzattivi u psikosoċjali. Il-punt sa fejn dawn il-fatturi ta' riskju jsejnhu u jaffettwaw is-saħħa muskuloskeletalni tal-ħaddiema huwa relatat ma' diversi dimensjonijiet kurrentwali, inkluż l-ambjent soċjali, politiku u ekonomiku, l-organizzazzjoni tal-post tax-xogħol, u anke l-fatturi soċjodemografiki u individwali.

## Sejbiet ewlenin

### *L-MSDs huma l-aktar problema tas-saħħa relatata max-xogħol prevalenti*

- Bejn wieħed u ieħor, tlieta minn kull ħames ħaddiema fl-UE-28 jirrapportaw ilmenti ta' MSD. L-aktar tipi komuni ta' MSDs irrappurtati mill-ħaddiema huma uġiġħ fid-dahar u uġiġħ muskolari fid-dirgħajn. Kif wieħed jista' jara f'Figura 1, l-uġiġħ muskolari fir-riġlejn huwa rrappurtat inqas ta' spiss.
- Mill-ħaddiema kollha fl-UE bi problema ta' saħħa marbuta max-xogħol, 60 % jidentifikaw l-MSDs bħala l-aktar kwistjoni serja tagħhom, kif wieħed jista' jara f'Figura 2.
- Matul is-sena li għaddiet, wieħed minn kull ħames persuni fl-UE-28 soffra minn disturb kroniku tad-dahar jew tal-għonq.
- Il-proporzjon ta' ħaddiema fl-UE-28 li rrappurtaw ilmenti minn MSD naqas kemm kemm bejn l-2010 u l-2015.

Figura 1: Perċentwal ta' ħaddiema li rrappurtaw disturbi muskuloskeletalni differenti f'dawn l-aħħar 12-il xahar, fl-UE-28, fl-2010 u fl-2015



One or more musculoskeletal disorder  
Backache

Disturb muskuloskeletalni wieħed jew aktar  
Uġiġħ fid-dahar


MSDs relatati max-xogħol: prevalenza, spejjeż u demografija fl-UE - Sommarju

Muscular pains in shoulders, neck and/or upper limbs	Ugìgh muskolari fl-ispallejn, fl-għonq u/jew fid-dirgħajn
Muscular pains in lower limbs	Ugìgh muskolari fir-riġlejn
29%	29%
30%	30%
41%	41%
43%	43%
43%	43%
46%	46%
58%	58%
60%	60%
0%	0%
20%	20%
40%	40%
60%	60%
80%	80%
100%	100%

N = 33,173 (2010); N = 31,612 (2015)

Sors: Panteia bbażat fuq il-ħames (2010) u s-sitt (2015) mewġa tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS)

**Figura 2: Il-perċentwal ta' ħaddiema li rrappurtaw problema ta' saħħa marbuta max-xogħol, skont it-tip ta' problema, UE-27, 2013**



Musculoskeletal disorders	Mard muskoloskeletalali
Stress, depression, anxiety	Stress, dipressjoni, ansjetà
Other not elsewhere mentioned	Oħrajn mhux imsemmija xi mkien ieħor
Headache, eyestrain	Ugìgh ta' ras, għeja fl-għajnejn
Cardiovascular disorders	Disturbi kardjovaskulari
Pulmonary disorders	Disturbi pulmonari
Stomach, liver, kidney or digestive problem	Problemi fl-istonku, fil-fwied, fil-kliewi jew fis-sistema diġestiva
Skin problems	Problemi tal-ġilda

Hearing disorders	Disturbi tas-smiġh
Infectious diseases	Mard infettiv
60%	60%
16%	16%
5%	5%
5%	5%
4%	4%
4%	4%
2%	2%
1%	1%
1%	1%
1%	1%


Nota: Il-popolazzjoni ta' ħaddiema tinkludi lil kull min għandu bejn 15 u 64 sena li kien qed jaħdem jew ħadem matul l-aħħar 12-il xahar qabel ma sar l-istħarriġ.

Sors: Eurostat, modulu ad hoc tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol "Aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi ta' saħħa oħra relatati max-xogħol" (2013). L-Istati Membri kollha tal-UE pparteċipaw f'dan il-modulu ad hoc ħliet għan-Netherlands.

### ***Il-prevalenza tal-MSDs tvarja bejn l-Istati Membri, is-setturi u l-okkupazzjonijiet***

- Il-proporzjonijiet ta' ħaddiema li jirrapportaw ilmenti minn MSD ivarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri (Figura 3).
- Il-prevalenza tal-MSDs irrappurtati mill-ħaddiema stess turi differenzi sinifikanti bejn is-setturi. L-MSDs fid-dahar, fid-dirgħajn u fir-riġlejn huma msemija l-aktar ta' spiss mill-ħaddiema impjegati fis-setturi li ġejjin: il-kostruzzjoni, il-provvista tal-ilma, u l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd. Il-prevalenza ta' MSD hija wkoll oġġla mill-medja fost ħaddiema f'attivitajiet marbuta mas-saħħa tal-bniedem u l-ħidma soċjali. Is-setturi li fihom l-MSDs huma rrapportati l-inqas ta' spiss huma l-attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni, attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi, l-educazzjoni, u l-arti, id-divertiment u r-rikreazzjoni.
- Il-prevalenza tal-MSDs irrappurtati mill-ħaddiema stess turi differenzi sinifikanti bejn l-okkupazzjonijiet (Figura 4). FI-2015, madwar 69 % tal-ħaddiema b'ħiliet agrikoli, tal-forestrija u tas-sajd irrappurtaw li kellhom MSD waħda jew aktar, filwaqt li għall-professionisti dan kien il-każ għal 52 % tal-ħaddiema.

Figura 3: Il-perċentwal ta' ħaddiema li rrapportaw li sofrew minn marda muskuloskeletalni waħda jew aktar f'dawn l-aħħar 12-il xahar, skont l-Istat Membru, 2010 u 2015



United Kingdom  
Sweden  
Finland  
Slovakia  
Slovenia  
Romania  
Portugal  
Poland

Ir-Renju Unit  
L-Iżvezja  
Il-Finlandja  
Is-Slovakkja  
Is-Slovenja  
Ir-Rumanija  
Il-Portugall  
Il-Polonja

MSDs relatati max-xogħol: prevalenza, spejjeż u demografija fl-UE - Sommarju

Austria	L-Awstrija
Netherlands	In-Netherlands
Malta	Malta
Hungary	L-Ungerija
Luxembourg	Il-Lussemburgu
Lithuania	Il-Litwanja
Latvia	Il-Latvja
Cyprus	Ċipru
Italy	L-Italja
Croatia	Il-Kroazja
France	Franza
Spain	Spanja
Greece	Il-Greċja
Ireland	L-Irlanda
Estonia	L-Estonja
Germany	Il-Ġermanja
Denmark	Id-Danimarka
Czech Republic	Ir-Repubblika Ċeka
Bulgaria	Il-Bulgarija
Belgium	Il-Belġju
EU-28	UE-28
48%	48%
65%	65%
80%	80%
60%	60%
63%	63%
62%	62%
73%	73%
58%	58%
57%	57%
58%	58%
54%	54%
62%	62%
55%	55%
64%	64%
70%	70%
58%	58%
65%	65%
64%	64%
64%	64%
58%	58%
54%	54%
34%	34%
74%	74%
61%	61%
65%	65%
63%	63%
46%	46%
59%	59%
60%	60%
52%	52%
69%	69%
79%	79%
60%	60%
62%	62%
69%	69%
54%	54%
58%	58%
60%	60%
56%	56%
60%	60%
40%	40%
66%	66%
63%	63%
63%	63%



MSDs relatati max-xogħol: prevalenza, spejjeż u demografija fl-UE - Sommarju


70%	70%
50%	50%
62%	62%
75%	75%
59%	59%
57%	57%
46%	46%
70%	70%
52%	52%
73%	73%
53%	53%
54%	54%
62%	62%
58%	58%
0%	0%
20%	20%
40%	40%
60%	60%
80%	80%
100%	100%

Nota: "Disturbi muskuloskeletalni" jirreferu għal uġiġħ fid-dahar u/jew uġiġħ muskolari fl-ispallejn, fl-għonq, fid-dirgħajn u r-riġlejn (il-ġenbejn, il-koxox, l-irkopptejn, is-saqajn, eċċ.).

N = 33,173 (2010); N = 31,612 (2015)

Sors: Panteia bbażat fuq il-ħames (2010) u s-sitt (2015) mewġa tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS)

**Figura 4: Perċentwal ta' ħaddiema li rrapportaw disturbi muskuloskeletalni differenti f'dawn l-aħħar 12-il xahar, mill-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjegi 2008 (ISCO-08, UE-28, 2015**



Armed forces occupations

Okkupazzjonijiet fil-forzi armati

MSDs relatati max-xogħol: prevalenza, spejjeż u demografija fl-UE - Sommarju

Clerical support workers	Ħaddiema ta' appoġġ klerikali
Craft and related trades workers	Ħaddiema tal-artiġjanat u ta' snajja' relatati
Elementary occupations	Xogħlijiet elementari
Managers	Maniġers
Plant and machine operators, and assemblers	Operaturi tal-impjanti u tal-magni, u muntaturi
Professionals	Professjonisti
Service and sales workers	Ħaddiema fil-bejgħ u s-servizzi
	Ħaddiema tas-sengħa fl-agrikoltura, fil-forestrija u fis-sajd
Skilled agricultural, forestry and fishery workers	Tekniċi u professjonisti assoċjati
Technicians and associate professionals	Uġiġħ fid-dahar
Backache	Uġiġħ muskolari fl-ispallejn, fl-għonq u/jew fid-dirgħajn
Muscular pains in shoulders, neck and/or upper limbs	Uġiġħ muskolari fir-riglejn
Muscular pains in lower limbs	Problema ta' saħħa relatata ma' MSD waħda jew aktar
One or more MSD-related health problems	
34%	34%
37%	37%
51%	51%
50%	50%
40%	40%
55%	55%
35%	35%
44%	44%
57%	57%
41%	41%
26%	26%
36%	36%
49%	49%
47%	47%
39%	39%
47%	47%
35%	35%
40%	40%
55%	55%
39%	39%
31%	31%
20%	20%
37%	37%
39%	39%
26%	26%
33%	33%
22%	22%
33%	33%
46%	46%
25%	25%
49%	49%
52%	52%
65%	65%
64%	64%
55%	55%
66%	66%
52%	52%
58%	58%
69%	69%
56%	56%
100%	100%
80%	80%
60%	60%
40%	40%
20%	20%
0%	0%

N = 35,536


Sors: Panteia bbażat fuq is-sitt (2015) mewġa tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS)

Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol – EU-OSHA

## Il-prevalenza tal-MSDs tvarja wkoll mal-fatturi soċjodemografiċi

- Ir-rati ta' prevalenza tal-MSDs huma ogħla għall-ħaddiema nisa milli għall-ħaddiema rġiel. Dan japplika għat-tipi ta' MSDs kollha, kif jidher f'Figura 5.
- Il-probabbiltà ta' rappurtar tal-MSDs tiżdied b'mod sinifikanti mal-età. Id-differenza bejn il-gruppi tal-età tapplika għat-tipi ta' MSDs kollha (Figura 6).
- Il-ħaddiema li għandhom biss edukazzjoni ta' qabel il-primarja jew edukazzjoni primarja huma aktar probabbli li jirrappurtaw uġiġħ muskolari fid-dirgħajn, fir-riġlejn u/jew fid-dahar, u huma wkoll aktar probabbli li jirrappurtaw MSDs kroniċi.

Figura 5: Perċentwal ta' ħaddiema li rappurtaw disturbi muskuloskeletalni differenti f'dawn l-aħħar 12-il xahar, skont is-sess, UE-28, 2015



One or more musculoskeletal disorder  
Backache  
Muscular pains in shoulders, neck and/or upper limbs  
Muscular pains in lower limbs  
Men  
Women

56%  
42%  
39%  
29%  
60%  
45%  
44%  
30%  
0%  
20%  
40%  
60%  
80%  
100%


Disturb muskuloskeletalni wieħed jew aktar  
Uġiġħ fid-dahar  
Uġiġħ muskolari fl-ispallejn, fl-għonq u/jew fid-dirgħajn  
Uġiġħ muskolari fir-riġlejn  
Irġiel  
Nisa

56%  
42%  
39%  
29%  
60%  
45%  
44%  
30%  
0%  
20%  
40%  
60%  
80%  
100%

N = 31,612

Sors: Panteia bbażat fuq is-sitt (2015) mewġa tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS)

**Figura 6: Perċentwal ta' ħaddiema li rrapportaw disturbi muskoloskeletalni differenti f'dawn l-aħħar 12-il xahar, skont il-grupp tal-età, UE-28, 2015**



Muscular pains in lower limbs

Muscular pains in shoulders, neck and/or upper limbs

Backache

One or more musculoskeletal disorder

Under 25

25-39

40-54

55 and over

24%

30%

32%

45%

23%

36%

37%

52%

32%

45%

47%

62%

38%

48%

51%

67%

100%

80%

60%

40%

20%

0%

Ugħiħ muskolari fir-riġlejn

Ugħiħ muskolari fl-ispallejn, fl-għonq u/jew fid-dirgħajn

Ugħiħ fid-dahar

Disturb muskoloskeletalni wieħed jew aktar

Taħt il-25 sena

25-39

40-54

55 u aktar

24%

30%

32%

45%

23%

36%

37%

52%

32%

45%

47%

62%

38%

48%

51%

67%

100%

80%

60%

40%

20%

0%


N = 31,612 - Sors: Panteia bbażat fuq is-sitt (2015) mewġa tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS)

## **Esponiment għal fatturi ta' riskju ta' MSD**

Għal dan l-istudju, il-kontribut tal-fatturi ta' riskju fiżiku, organizzattiv, psikosoċjali u soċjodemografiku ġie analizzat fid-dettall permezz ta' sorsi ta' data disponibbli fl-UE kollha. Is-sejbiet ewlenin rigward ir-relazzjoni bejn il-fatturi ta' riskju differenti u l-ilmenti ta' MSD huma miġbura fil-qosor hawn taħt:

- Diversi studji juru li l-fatturi ta' riskju fiżiku li ġejjin huma relatati mal-MSDs (fid-dahar, tad-dirgħajn u/jew tar-riġlejn): il-pożizzjoni u xogħol f'pożizzjonijiet skomdi (bħal xogħol f'qagħdiet skomdi u li jikkawżaw l-uġiġħ), xogħol fiżiku qawwi, irfiġh, xogħol ripetittiv, esponiment għal vibrazzjonijiet minn għodod tal-idejn u esponiment għal temperaturi baxxi. Il-prevalenza ta' dawn il-fatturi ta' riskju fost il-popolazzjoni tax-xogħol turi varjazzjoni konsiderevoli (Figura 7).
- Riċerka preċedenti tindika li t-tul ta' żmien imqatta' bilqiegħda rrapportat mill-ħaddiema stess huwa relatat b'mod pożittiv mal-mard kroniku u l-mortalità. L-analiżi tad-data tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS) imwettqa għall-istudju attwali ma tistax tikkonferma li l-ħin bilqiegħda jżid ir-riskju ta' tipi differenti ta' MSDs. Hija meħtieġa aktar riċerka biex jiġi ddeterminat jekk dan huwiex minħabba problemi ta' kejl jew minħabba li l-ħafna ħin bilqiegħda minnu nnifsu ma jżid ir-riskju li jiġu żviluppati lmenti ta' MSD.
- Total ta' 21 fattur ta' riskju organizzattiv u psikosoċjali differenti huma relatati b'mod sinifikanti ma' tal-inqas wieħed mit-tliet tipi ta' MSDs ikkunsidrati (uġiġħ fid-dahar, MSDs fid-dirgħajn, MSDs fir-riġlejn). Ħafna minn dawn il-fatturi ta' riskju huma relatati ma' wieħed biss minn dawn it-tipi ta' MSD. Dan jikkonferma l-idea li kull tip ta' MSDs għandu l-fatturi ta' riskju speċifiċi tiegħu. L-analiżijiet esploratorji mwettqa għall-istudju attwali għandhom jiġu segwiti minn analiżijiet oħrajn sabiex tiġi esplorata aħjar in-natura tar-relazzjonijiet bejn l-MSDs u dawn il-fatturi ta' riskju psikosoċjali u organizzattivi f'termini statistiċi.
- Disa' fatturi ta' riskju organizzattiv u psikosoċjali nstabu li kienu relatati b'mod sinifikanti ma' tal-inqas tnejn mit-tliet tipi ta' MSD ikkunsidrati: ansjetà, għeja ġenerali, problemi marbuta mal-irqad, livell baxx ta' benesseri mentali, li wieħed ikun soġġett għal abbuż verbali fuq il-post tax-xogħol (kull wieħed relatat ma' tliet tipi ta' MSDs), li wieħed ikun soġġett għal attenzjoni sesswali mhux mixtieqa fuq ix-xogħol, li wieħed iħossu enerġizzat u li wieħed ikollu biżżejjed ħin biex ilesti l-kompitu u li jkun jaf x'inhu mistenni fuq ix-xogħol. Kif wieħed jista' jara f'Figura 7, il-prevalenza ta' xi wħud minn dawn il-fatturi ta' riskju hija għolja, filwaqt li fatturi ta' riskju oħrajn ħafna drabi ma jissemmewx.

**Figura 7: Perċentwal ta' ħaddiema li rrapportaw li huma esposti għal fatturi ta' riskju fiżiku differenti fuq ix-xogħol tagħhom mill-inqas għal kwart tal-ħin, UE-28, 2005, 2010 u 2015**



Repetitive hand or arm movements  
 Working with computers, laptops, smartphones etc  
 Tiring and painful positions  
 Carrying or moving heavy loads  
 Low temperatures whether indoors or outdoors  
 Vibrations from hand tools, machinery etc


Movimenti ripetitivi tal-id jew tad-driegħ  
 Xogħol fuq kompjuter, laptop, smartphone, eċċ.  
 Qagħdiet skomdi u li jikkawżaw l-uġigħ  
 Ġarr jew ċaqliq ta' tagħbijiet tqal  
 Temperaturi baxxi sew jekk ġewwa u sew jekk barra  
 Vibrazzjonijiet minn għodod tal-idejn, makkinarju eċċ

100%  
 80%  
 60%  
 40%  
 20%  
 0%  
 62%  
 47%  
 46%  
 35%  
 22%  
 25%  
 64%  
 53%  
 47%  
 34%  
 24%  
 23%  
 61%  
 58%  
 43%  
 32%  
 21%  
 20%

Nota: Id-data tikkonċerna lill-ħaddiema li jaħdmu mill-inqas 12 siegħa fil-ġimgħa.

Sors: Panteia bbażat fuq ir-raba' (2005), il-ħames (2010) u s-sitt (2015) mewġa tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS)

**Figura 8: Perċentwal ta' ħaddiema li rrapportaw riskji psikosoċjali u organizzattivi differenti, fl-UE-28, fl-2010 u fl-2015**



Work-related stress

Job requires hiding of feelings

Overall fatigue

Verbal abuse

Anxiety

Do not know what is expected at work

Physical violence

Unwanted sexual attention

Bullying/ harassment

68%

49%

36%

11%

9%

2%

2%

2%

1%

68%

55%

35%

12%

16%

2%

2%

2%

5%

100%

80%

60%

40%

20%

0%

Stress relatat max-xogħol

L-impjeg jeħtieġ li wieħed ma jurix xi

jkun qed iħoss

Għeja ġenerali

Abbuż verbali

Ansjetà

Li wieħed ma jafx x'inhu mistenni fuq

ix-xogħol

Vjolenza fiżika

Attenzjoni sesswali mhux mixtieqa

Bullying/fastidju

68%

49%

36%

11%

9%

2%

2%

2%

1%

68%

55%

35%

12%

16%

2%

2%

2%

5%

100%

80%

60%

40%

20%

0%


Nota: It-tendenza għall-ansjetà hija modifikata (fl-2010 il-mistoqsija kienet tinkludi l-kelma "dipressjoni"; fl-2015 din il-kelma tneħħiet).

Sors: Panteia bbażat fuq il-fames (2010) u s-sitt (2015) mewġa tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS)

## Aċċidenti relatati mal-MSD

- Diversi tipi ta' korrimenti jistgħu jiġu interpretati bħala MSDs akuti, pereżempju dislokazzjonijiet, tfekkikiet u strapazz ta' muskoli u ksur fl-għadam.
- Dawn it-tipi ta' aċċidenti ammontaw għal 38 % tal-aċċidenti serji fatali u mhux fatali kollha fuq il-post tax-xogħol. B'mod partikolari, id-dislokazzjoni, l-istrapazz ta' muskoli u t-tfekkikiet huma t-tieni l-aktar grupp komuni ta' korrimenti relatati max-xogħol fl-UE-28 (wara l-feriti u l-leżjonijiet superfiċjali), li jammontaw għal 27 % tal-korrimenti fatali u mhux fatali kollha relatati max-xogħol. Il-ksur fl-għadam huwa anqas frekwenti, ta' 11 %, (Figura 9).
- F'xi pajjiżi, iċ-ċifri tal-aċċidenti jindirizzaw episodji akuti ta' problemi muskuloskeletalni, pereżempju dawk li jseħħu wara t-tneħħija ta' tagħbijiet tqal. Fejn dan huwa l-każ, il-proporzjon ta' dawn l-inċidenti huwa fost l-aktar (jew inkella l-aktar) aċċidenti komuni relatati max-xogħol.

Figura 9: Distribuzzjoni ta' aċċidenti fatali u mhux fatali fuq il-post tax-xogħol skont it-tip ta'



### korriment, UE-28, 2016

Drownings and asphyxiations	Għarqiet u fgar
Effects of sound, vibration and pressure	Effetti ta' ħsejjes, vibrazzjoni u pressjoni
Effects of temperature extremes, light and radiation	Effetti ta' temperaturi estremi, dawl u radjazzjoni
Poisonings and infections	Avvelenamenti u infezzjonijiet
Traumatic amputations (loss of body parts)	Amputazzjonijiet trawmatiċi (telf ta' partijiet tal-ġisem)
Multiple injuries	Diversi feriti
Burns, scalds and frostbites	Ħruq, samtiet u infjammazzjonijiet bil-ksieħ (frostbites)
Other not elsewhere mentioned	Oħrajn mhux imsemmija x'imkien ieħor
Shocks	Xokkijiet
Bone fractures	Ksur tal-għadam
Concussions and internal injuries	Konkussjonijiet u feriti interni
Dislocations, sprains and strains	Żlugar, tfekkik u strapazz ta' muskoli
Wounds and superficial injuries	Ġrieħi u feriti superfiċjali
29%	29%
27%	27%



17%	17%
11%	11%
4%	4%
3%	3%
2%	2%
1%	1%
<1%	<1%
<1%	<1%
<1%	<1%
<1%	<1%
<1%	<1%
0%	0%
20%	20%
40%	40%
60%	60%
80%	80%
100%	100%

Nota: Aċċidenti (serji) mhux fatali rrapportati fil-qafas tal-Istatistika Ewropea dwar l-Aċċidenti fuq ix-Xogħol (ESAW) huma aċċidenti li jimplikaw mill-inqas erbat ijiem kalendarji sħaħ ta' assenza mix-xogħol. Proviżorja.  $N = 3,288,581$  Sors: Eurostat, l-Istatistika Ewropea dwar l-Aċċidenti fuq ix-Xogħol (ESAW).

### ***L-MSDs huma l-mard okkupazzjonali rikonoxxut l-aktar komuni f'xi Stati Membri***

- Is-sistemi nazzjonali ta' kumpens u ta' rappurtar użati għar-reġistrazzjoni ta' mard okkupazzjonali juru differenzi istituzzjonali konsiderevoli.
- Il-listi ta' mard rikonoxxut u l-prattiki ta' rikonoxximent ivarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri.
- Ix-xejra u d-distribuzzjoni tal-mard okkupazzjonali li bħalissa huwa rikonoxxut u kkompensat għadhom 'il bogħod milli jirriflettu l-insuffiċjenza tas-saħħa attwali tal-ħaddiema permezz tal-MSDs ikkawżati mix-xogħol tagħhom.
- Id-data miġbura fil-livell nazzjonali turi li l-MSDs huma l-aktar mard okkupazzjonali rikonoxxut komuni fi Franza, fl-Italja u fi Spanja.
- Hemm proporzjon ogħla ta' nisa milli rgjel u proporzjon ogħla ta' ħaddiema akbar fl-età minn dawk aktar żgħażaġħ fost il-każijiet totali ta' mard okkupazzjonali rikonoxxut relatat mal-MSD (ibbażat fuq id-data miġbura fuq livell ta' Stat Membru u minkejja d-differenzi bejn il-pajjiżi).

### ***L-impatt tal-MSDs***

L-MSDs huma kawża ewlenija ta' tħassib: l-ewwel nett minħabba li jaffettwaw is-sitwazzjoni ġenerali tas-saħħa ta' tant ħaddiema, u t-tieni minħabba l-impatti ekonomiċi fuq l-intrapriżi u l-ispejjeż finanzjarji u soċjali għall-pajjiżi Ewropej.


Is-sejbiet ewlenin rigward is-sitwazzjoni ġenerali tas-saħħa tal-ħaddiema tal-UE huma:

- Il-maġġoranza l-kbira tal-ħaddiema b'ilmenti MSD jirrapportaw kundizzjoni tajba jew tajba ħafna tas-saħħa. Dan jindika li l-ilmenti ta' MSD irrapportati mill-ħaddiema stess jinkludu mhux biss

każijiet severi ta' MSDs iżda anke dawk anqas severi. Dan japplika wkoll għall-MSDs kroniċi fil-dahar u/jew fl-għonq (ara l-Figura 10), għalkemm sa ċertu punt inqas.

- L-MSDs, minn naħa, u l-istress, id-dipressjoni u l-ansjetà (problemi ta' saħħa mentali), min-naħa l-oħra, huma l-aktar żewġ problemi ta' saħħa komuni marbuta max-xogħol li jħabbtu wiċċhom magħhom il-ħaddiema tal-UE (ara l-Figura 2).
- Il-prevalenza tal-MSDs hija assoċjata ma' livelli ogħla ta' ansjetà, problemi marbuta mal-irqad u għeja ġenerali tal-ħaddiema. Il-prevalenza ta' MSD hija relatata wkoll mal-benesseri mentali tal-ħaddiema (l-MSDs huma aktar prevalenti fost il-ħaddiema b'livelli aktar baxxi ta' benessere mentali). Dawn ir-relazzjonijiet japplikaw għall-MSDs fid-dirgħajn, fir-riġlejn u fid-dahar.
- Il-ħaddiema għandhom imnejn isofru minn ansjetà, għeja ġenerali, problemi marbuta mal-irqad u (nuqqas ta') benessere mentali flimkien ma' problemi ta' MSD. F'xi każijiet, l-MSDs jistgħu wkoll jikkawżaw dawn il-problemi ta' saħħa, jew jagħmluhom aqgħar. Il-kawżalità tista', madankollu, tmur ukoll fid-direzzjoni l-oħra: livelli għoljin ta' ansjetà, għeja ġenerali u problemi marbuta mal-irqad jistgħu jikkawżaw ilmenti ta' MSD jew jaggravaw ilmenti minn MSD diġà eżistenti.

**Figura 10:** Il-perċentwal ta' ħaddiema li rrapportaw li l-livell ta' saħħa ġenerali tagħhom huwa tajjeb ħafna, tajjeb, ġust, ħażin jew ħażin ħafna, minħabba l-preżenza jew in-nuqqas ta' disturbi kroniċi fid-dahar jew fl-għonq f'dawn l-aħħar 12-il xahar, fl-UE-28, fl-2014



No chronic back or neck disorders	L-ebda disturb kroniku fid-dahar jew fl-għonq
Suffering from chronic back and/or neck disorders	Tbatija minn disturbi kroniċi fid-dahar u/jew fl-għonq
Very good	Tajba ħafna
36%	36%
11%	11%
Good	Tajba
52%	52%
51%	51%
Fair	La tajba u l-anqas ħażina
11%	11%
32%	32%

Bad	Ħażina
1%	1%
6%	6%
Very bad	Ħażina ħafna
<1%	<1%
1%	1%
0%	0%
20%	20%
40%	40%
60%	60%
80%	80%
100%	100%

Nota: Ir-riżultati huma bbażati fuq individwi li jwettqu xogħol jew professjoni, inkluż xogħol bla ħlas għal negozju jew parteċipazzjoni tal-familja, apprendistat jew taħriġ imħallas, eċċ.

N = 127,338

Sors: Panteia bbażat fuq it-tieni mewġa (2014) tal-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa (EHIS)

Huwa diffiċli li l-ambitu reali tal-ispejjeż u l-piżijiet assoċjati mal-MSDs jiġu vvalutati u mqabbla fil-livell tal-UE. Indikaturi differenti li jintużaw biex jitfgħu dawl fuq l-ispejjeż u l-piżijiet jinkludu s-snin ta' ħajja aġġustati skont id-diżabilità (DALYs), l-assenteiżmu, u t-telf tal-produzzjoni u tal-produttività għall-intrapriżi.

- Id-DALYs jiġu kkalkulati bħala n-numru ta' snin mitlufa minħabba mard, diżabilità jew mewt bikrija, u jirriflettu l-effett tal-mard fuq il-popolazzjoni ġenerali f'termini kemm ta' kwalità tal-ħajja kif ukoll ta' mewt. L-MSDs jammontaw sa total ta' 15 % tan-numru totali ta' snin tal-ħajja (aġġustati skont id-diżabilità) mitlufa minħabba korrimenti u mard relatati max-xogħol.
- L-assenza mix-xogħol minħabba l-MSDs tirrappreżenta proporzjon għoli ta' jiem ta' xogħol mitlufa fl-Istati Membri tal-UE. Fl-2015, aktar minn nofs (53 %) il-ħaddiema b'MSDs irrappurtati li kienu assenti mix-xogħol matul is-sena ta' qabel, li huwa konsiderevolment ogħla mill-proporzjon ta' ħaddiema mingħajr problemi tas-saħħa (32 %). Il-ħaddiema b'MSDs mhux biss huma aktar probabbli li jkunu assenti mix-xogħol, iżda (minħabba n-nuqqas) bħala medja, huma wkoll assenti għal perjodu ta' żmien itwal. Pereżempju, 26 % tal-ħaddiema b'MSDs kroniċi u problemi oħra dwar is-saħħa jirrapportaw li kienu assenti għal aktar minn tmint ijiem matul is-sena li għaddiet, li huwa livell konsiderevolment ogħla mis-7 % għall-ħaddiema li m'għandhom l-ebda problema ta' saħħa.
- Fil-livell tal-Istati Membri individwali, ġew identifikati xi studji li juru l-impatt tal-MSDs f'termini ekonomiċi (telf ta' produttività u spejjeż soċjali ogħla). Pereżempju fil-Ġermanja, disturbu muskuloskeletal u tat-tessuti konnettivi ammontaw għal EUR 17.2 biljun (EUR 17,200 miljun) ta' telf fil-produzzjoni (spejjeż tat-telf tal-produzzjoni bbażati fuq l-ispejjeż tax-xogħol) fl-2016 u EUR 30.4 biljun f'telf ta' valur miżjud gross (telf ta' produttività tax-xogħol). Dan jirrappreżenta rispettivament 0.5 % u 1.0 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Ġermanja.

## Prevenzjoni tal-MSD

L-istħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti<sup>4</sup> (ESENER) jipprovdi xi għarfien dwar il-prevenzjoni ta' MSDs relatati max-xogħol attwalment ipprovduti minn min iħaddem:

<sup>4</sup> L-ESENER ikopri impjegati f'intrapriżi li jimpjegaw 5 ħaddiema jew aktar.

- Il-biċċa l-kbira tal-impjegati jaħdmu fi stabbilimenti fejn hemm fis-seħħ miżura preventiva waħda jew aktar, inkluż il-forniment ta' tagħmir ergonomiku, l-inkoraġġiment ta' waqfiet regolari għal persuni f'pożizzjonijiet tax-xogħol skomdi, u r-rotazzjoni tal-kompiti biex jitnaqqsu l-movimenti ripetittivi. Dawn il-miżuri huma pprovduti minn stabbilimenti fis-setturi kollha u ta' kull daqs. Madankollu, il-klassi tad-daqs tal-istabbiliment għandha effett ċar: id-disponibbiltà ta' miżuri preventivi tiżdied skont id-daqs tal-istabbiliment.
- Hemm differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri tal-UE-28 rigward il-proporzjon ta' stabbilimenti li għandhom politiki li jappoġġjaw lill-ħaddiema biex jerġgħu lura għax-xogħol wara assenza fit-tul minħabba mard. Perċentwali kbar ta' impjegati fir-Renju Unit (97 %), fl-Iżvezja (95 %), fil-Finlandja (93 %) u fin-Netherlands (92 %) jaħdmu f'intrapriżi fejn huwa pprovdut appoġġ lill-impjegati biex jgħinjom jirritornaw għax-xogħol wara mard fit-tul. Fil-Litwanja (19 %) u fl-Estonja (27 %), il-perċentwali huma ferm inqas mill-medja tal-UE-28 (73 %).
- L-investiment f'miżuri preventivi qed jiġi ppremjat b'mod speċjali, peress li dawn juru li huma effettivi. Il-ħaddiema f'pajjiżi u f'setturi fejn hemm fis-seħħ aktar miżuri preventivi huma inqas probabbli li jirrapportaw ilmenti ta' MSD. Il-perċentwal ta' ħaddiema li jirrapportaw tnaqqis minn 51 % (għall-ħaddiema f'pajjiżi u setturi fejn bħala medja hemm fis-seħħ bejn miżura preventiva waħda sa tlieta) għal 31 % (għal ħaddiema f'pajjiżi u f'setturi fejn bħala medja hemm fis-seħħ ħames jew sitt miżuri preventivi fuq medja). Il-prevalenza tal-MSDs fir-riġlejn turi żvilupp komparabbli.

## Indikaturi ta' politika

Abbażi tas-sejbiet minn dan l-istudju, din it-taqsimha tippreżenta diversi indikaturi għall-azzjonijiet ta' politika fil-prevenzjoni.

### ***Hemm bżonn ta' approċċ integrat u kkombinat dwar il-prevenzjoni ta' MSD***

- Gruppi differenti ta' fatturi jistgħu jikkontribwixxu għal MSDs, inklużi fatturi fiżiċi, organizzattivi, psikosozjali, soċjodemografiċi u individwali. Ħafna drabi, dawn il-fatturi jinteraġixxu ma' xulxin. Minħabba dawn il-kawżi multipli, l-aħjar mod kif jiġu indirizzati l-MSDs huwa permezz ta' approċċ ikkombinat.
- Ir-riċerka wriet li l-interventi bbażati fuq miżuri uniċi jidhru li huma inqas effettivi fil-prevenzjoni tal-MSDs. Azzjonijiet li jindirizzaw fattur ta' riskju wieħed waħedhom probabbilment se jkunu inqas effettivi minn kombinazzjoni ta' azzjonijiet li jimmiraw għal diversi fatturi. Dawn it-tipi ta' interventi spiss jiġu deskritti bħala "olistiċi" jew "integrati".
- Approċċ integrat għall-prevenzjoni jidher li huwa l-aktar strateġija promettenti. Din l-istrateġija għandha tibda billi jiġu identifikati r-riskji ta' MSD. Dawk li jfasslu l-politika għandhom jiffokaw fuq il-provvista ta' għodod prattiċi ta' valutazzjoni tar-riskju u gwidi, li jistgħu jkunu pjuttost sempliċi, li jikkonsistu f'oġġetti li jgħaqqdu l-fatturi ta' riskju ta' MSD imsemmija f'dan ir-rapport.
- Id-disponibbiltà ta' miżuri preventivi tiżdied mad-daqs tal-istabbiliment. Dan jindika li l-intrapriżi mikro u żgħar jeħtieġu aktar attenzjoni politika. Il-gwidi prattiċi u l-għodod ta' valutazzjoni tar-riskju għandhom ikunu mmirati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw l-intrapriżi u l-istabbilimenti iżgħar (f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni ta' MSDs fuq il-post tagħhom).
- Approċċ ta' suċċess u integrat jista' jagħti l-frott b'mod speċjali meta jiġi stabbilit bħala approċċ parteċipattiv li jinkludi l-ħaddiema nfushom.
- Il-promozzjoni u t-tixrid ta' dawn l-approċċi aktar integrati u parteċipattivi jkunu jeħtieġu azzjonijiet f'termini ta' sensibilizzazzjoni akbar u f'termini ta' trasferiment ta' għarfien rigward l-MSDs (il-kawżi tagħhom, l-impatt tagħhom u l-miżuri ta' prevenzjoni tagħhom). Il-Kampanja dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa (HWC) għall-2020-22 dwar it-tema "Prevenzjoni ta' mard muskuloskeletal marbut max-xogħol (MSDs)" (u/jew kampanji ekwivalenti) għandha tkun opportunità għal dan.
- L-MSDs fid-dirgħajn, l-MSDs fir-riġlejn u l-MSDs fid-dahar huma kollha eżempji ta' MSDs. Madankollu, il-mod ta' kif dawn jiffaċċaw, il-grad ta' riskju, it-tip ta' impatt fuq is-saħħa u t-tip

ta' miżuri meħtieġa għall-prevenzjoni tagħhom ivarjaw. Meta jiġu żviluppatti interventi u politiki, dan għandu jiġi kkunsidrat. Fil-prattika, dan ifisser li huma meħtieġa interventi mmirati għal kull tip ta' MSDs.

- Jekk wieħed iżomm f'moħħu n-natura multifattoralji tal-MSDs, fokus fuq il-prevenzjoni ta' MSD relatat max-xogħol għandu jiġi integrat ma' approċċ ta' promozzjoni tas-saħħa okkupazzjonali u kkomplementat miegħu li jiffoka fuq il-promozzjoni ta' saħħa muskuloskeletalji tajba fuq il-post tax-xogħol (anke minn perspettiva tas-saħħa aktar pubblika).

### **Esponiment għal fatturi ta' riskju ta' MSD**

- Il-ħaddiema huma normalment esposti għal taħlita ta' fatturi ta' riskju ta' MSD. Pereżempju, analiżi ta' raggruppament li ssir f'dan l-istudju dwar il-fatturi ta' riskju fiżiku turi li ċerti kombinazzjonijiet ta' fatturi ta' riskju jsejtnu aktar ta' spiss minn oħrajn. Dawn it-tipi ta' sejbiet jista' jkollhom implikazzjonijiet rilevanti għall-prevenzjoni ta' MSD. Studji futuri għandhom jeżaminaw aktar dawn il-kombinazzjonijiet speċifiċi ta' fatturi ta' riskju (kif ukoll problemi ta' saħħa) relatati mal-MSDs. Pereżempju, qasam ta' riċerka ulterjuri jista' jkun sa fejn dawn il-fatturi ta' riskju differenti (jew problemi ta' saħħa) isaħħu lil xulxin, u kif dan l-effett ta' tisħiħ jista' jiġi inibit.
- Irrispettivament min-natura speċifika tar-relazzjoni bejn li wieħed joqgħod bilqiegħda, ix-xogħol fuq kompjuter u l-MSDs, imġiba sedentarja fuq il-post tax-xogħol tista' tkun perikoluża għas-saħħa (patoloġiji kardjovaskulari, kanċer, dijabete, eċċ.) u dan ir-riskju okkupazzjonali għandu jiġi evitat, speċjalment f'kuntast li fih qed jiżdied il-post tax-xogħol.
- Ħafna drabi, meta r-riskji organizzattivi u psikosoċjali jiġu vvalutati fil-livell tal-post tax-xogħol, dan isir waħdu, b'enfasi purament fuq il-konsegwenzi tas-saħħa mentali ta' "stress" mingħajr ma jitqies l-impatt tagħhom fuq riskji oħra jew problemi tas-saħħa oħra, bħall-uġiġħ muskuloskeletalji. Peress li l-ħaddiema huma esposti għal diversi fatturi ta' riskju ta' MSD fl-istess ħin, għandhom jiġu evitati approċċi ta' eżitu ta' riskju dimensjonali (ibbażati fuq ir-relazzjoni bejn fattur ta' riskju uniku u miżura ta' eżitu uniku), bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju, u minflok jintgħażlu approċċi aktar olistiċi. L-isfida hija li l-għarfien eżistenti jiġi trasferit fil-postijiet tax-xogħol sabiex jingħalqu s-sajlos tal-valutazzjoni tar-riskju ta' MSD u l-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali. Għodod ta' gwida u ġestjoni tar-riskju li jintegraw dawn id-dimensjonijiet għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' min iħaddem u tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.
- Il-fatturi ta' riskju psikosoċjali bħal stress, ansjetà, problemi ta' rqad u benesseri mentali jista' jkollhom rwol fil-bidu tal-MSDs. Madankollu, ir-riċerka tissuġġerixxi li għandhom rwol partikolarment importanti fil-progress tal-kroniċità tal-MSDs, minn problemi akuti (riversibbli) sa kroniċi. Dan ifisser li fatturi ta' riskju psikosoċjali għandhom jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji ta' MSD (prevenzjoni primarja), iżda fuq kollox meta jidhru l-ewwel sintomi ta' uġiġħ muskuloskeletalji.
- Billi jtejbu l-organizzazzjoni tal-mod kif isir ix-xogħol u l-klima soċjali, l-intrapriżi jikkontribwixxu wkoll għall-prevenzjoni ta' MSD. Huwa importanti li jiżdied l-għarfien fil-livell tal-post tax-xogħol dwar din l-interrelazzjoni u li l-atturi fil-qasam jiġu mħeġġa jikkunsidraw il-prevenzjoni tal-MSDs meta jintroduċu bidliet fl-organizzazzjoni tax-xogħol jew meta jipprevjenu l-esponiment għal riskji psikosoċjali.

### **Il-prevalenza tal-MSDs tvarja bejn il-pajjiżi, is-setturi u l-impjeggi, u skont id-dimensjonijiet soċjodemografiċi**

- Il-prevalenza tal-MSDs turi varjazzjonijiet kbar, f'livelli differenti (nazzjonali, settorjali, organizzazzjonali u individwali). Dan jitlob li ssir riċerka addizzjonali biex dawn id-differenzi jiġu mifhuma aħjar.

- Id-differenzi nazzjonali fil-proporzjonijiet ta' ħaddiema li jirrappurtaw MSD jindikaw li l-politiki u l-istrateġiji għall-prevenzjoni tal-MSDs iridu jiġu mfassal apposta u adattati għaċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi ta' pajjiż.
- Minħabba d-differenzi fil-prevalenza, fit-tip u fis-severità tal-MSDs bejn is-setturi, jidher ukoll loġiku li jiffasslu approċċi speċifiċi għas-settur biex jiġu indirizzati l-MSDs. Approċċi bħal dawn jinkludu l-introduzzjoni ta' standards settorjali speċifiċi, għodod għall-valutazzjoni tar-riskju u katalgi ta' MSD (inklużi miżuri preventivi u protettivi adattati għar-riskji speċifiċi ta' MSD tas-settur).
- Id-divrenzjar tal-prevalenza ta' MSDs skont is-sess, l-età u l-livell ta' edukazzjoni jissottolinja li hemm ħtieġa għal approċċi/valutazzjonijiet tar-riskju li huma sensittivi għad-diversità biex jipprevjenu u jimmaniġġaw aħjar l-MSDs. Il-prevenzjoni tal-MSDs idealment għandha ssegwi approċċ inklużiv u differenzjat li jadatta għal popolazzjoni tax-xogħol dejjem aktar diversa. Approċċ komprensiv bħal dan x'aktarx jinkludi azzjonijiet biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa għal dawn l-approċċi biex jiġu indirizzati l-MSDs, u biex jiġu żviluppati gwida speċifika u għodod prattiċi li jindirizzaw din il-kwistjoni sabiex min iħaddem u l-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol jiġu appoġġjati u ggwidati. L-iżvilupp ta' politiki u skemi li jappoġġjaw inizzjattivi bħal dawn huwa rrakkomandat ħafna.
- Tliet żviluppi relatati mal-età jsaħħu lil xulxin: żieda fir-riskju ta' MSD bl-età, tixjiħ tal-popolazzjoni u żieda fl-età tal-irtirar. Dan jindika li huma meħtieġa miżuri speċifiċi. Il-prevenzjoni tal-esponiment għal fatturi ta' riskju li jikkontribwixxu għall-MSDs relatati max-xogħol hija importanti għas-sostenibbiltà tax-xogħol. Fil-kuntest tal-forza tax-xogħol li qed tixjieħ, l-istrateġiji OSH għandhom għalhekk jagħtu attenzjoni partikolari għall-esponiment kumulattiv tal-ħaddiema għall-perikli fiżiċi u psikoloġiċi, peress li dan jaffettwa l-impjegabbiltà sostenibbli tal-ħaddiema kollha.

### L-impatt tal-MSDs

- L-assenteiżmu fost il-ħaddiema b'ilmenti ta' MSD huwa oġġla minn dak tal-ħaddiema mingħajr problemi tas-saħħa. Dan jenfasizza l-importanza ta' azzjonijiet immirati lejn il-prevenzjoni primarja. Madankollu, ladarba jseħħ mard jew assenteiżmu, miżuri li jiffokaw fuq ir-riabilitazzjoni u r-ritorn għax-xogħol huma importanti wkoll biex jiġi evitat jew jitnaqqas in-nuqqas ta' mard li jwassal għal diżabbiltà u/jew mard okkupazzjonali.
- Dan jenfasizza wkoll l-importanza ta' interventi bikrija. Intervent bikri biex tiġi minimizzata d-diżabbiltà u tiġi restawrata s-saħħa jista' jwassal għal iffrankar tanġibbli fis-saħħa, il-benesseri soċjali u tnaqqis fl-assenteiżmu. Perċentwal kbir ta' MSDs huma qosra (jew akuti), u għalhekk il-ħaddiema jistgħu jirkupraw billi jieħdu miżuri sempliċi hekk kif jidhru l-ewwel sintomi. Aktar ma' MSD jkun immaniġġjat malajr, inqas ikun hemm probabbiltà li jsir kundizzjoni kronika li twassal għall-assenza tax-xogħol fuq medda twila ta' żmien.
- L-OSH għandha rwol importanti biex tappoġġja l-ħaddiema b'MSDs kroniċi biex tkompli taħdem u tiżgura li x-xogħol ma jagħmilx dawk il-kundizzjonijiet diffiċli agħar. Xprun għall-iżvilupp tar-riabilitazzjoni u r-ritorn għas-sistemi tax-xogħol huwa l-ispiża ta' assenza mix-xogħol minħabba mard u ta' skemi ta' benefiċċji tad-diżabbiltà, peress li dawn huma piż kbir fuq is-sistemi tas-sigurtà soċjali.

### Messaġġi ewlenin

- Aktar minn nofs il-ħaddiema tal-UE jirrappurtaw ilmenti ta' MSD, u l-impatt tal-MSDs ma għandux jiġi sottovalutat.
- L-isfida tal-MSDs relatati max-xogħol għet rikonossuta u indirizzata fil-livell Ewropew, iżda huma meħtieġa aktar sforzi f'termini ta' prevenzjoni.
- Xejriet u bidliet ġodda (ta' natura ferm differenti) għandhom jew jista' jkollhom impatt (pożittiv jew negattiv) fuq l-esponiment tal-ħaddiema tal-UE għal fatturi ta' riskju ta' MSD: il-popolazzjoni

u l-forza tax-xogħol li qed jixjieħu, l-impjeggi li qed jikbru fis-settur tas-servizzi, il-mudelli tan-negozju u l-forom ta' impjeg ġodda, forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol, id-diġitalizzazzjoni, ix-xogħol sedentarju, eċċ. Il-prevenzjoni ta' MSD se jkollha tadatta biex tiffaċċja dawn it-tendenzi u bidliet ġodda.

- L-isforzi għall-prevenzjoni tal-MSDs fil-livell tal-intrapriżi għandhom jiġu appoġġjati minn bidliet/sforzi fil-livell politiku, soċjali u ekonomiku (dimensjonijiet regolatorji, politiki tas-saħħa, kundizzjonijiet tas-suq, organizzazzjoni tas-setturi ekonomiċi, eċċ.) biex jitrawwem l-iżvilupp ta' postijiet tax-xogħol aktar sostenibbli u ħielsa mill-periklu.
- Tradizzjonalment, il-prevenzjoni ta' MSD iffukat fuq il-prevenzjoni ta' fatturi ta' riskju fiżiċi/bijomekkaniċi. Ir-riċerka sabet li l-fatturi ta' riskju organizzattiv u psikosoċjali għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fil-prevenzjoni ta' MSD. Issa l-isfida hija li dan l-għarfien jiġi trasferit fil-postijiet tax-xogħol (permezz ta' kampanji, għodod prattiċi, gwida, eċċ.).
- Il-prevenzjoni tal-MSDs idealment għandha ssegwi approċċ inklużiv u differenzjat li jadatta għal popolazzjoni tax-xogħol dejjem aktar diversa.
- Jekk wieħed iżomm f'moħħu n-natura multifattoralji tal-MSDs, il-prevenzjoni ta' MSD relatat max-xogħol għandu jiġi integrat ma' approċċ ta' promozzjoni tas-saħħa okkupazzjonali u kkomplementat miegħu li jiffoka fuq il-promozzjoni ta' saħħa muskuloskeletalji tajba fuq il-post tax-xogħol.
- L-istatistika turi li l-problemi tal-MSDs u tas-saħħa mentali (l-istress, id-dipressjoni u l-ansjetà) huma fost il-problemi tas-saħħa OSH l-aktar importanti fl-Ewropa. Dan ir-rapport (li jikkonferma studji oħra/sejbiet tar-riċerka) juri li ż-żewġ tipi ta' problemi tas-saħħa jistgħu jkunu jew huma ta' spiss konnessi jew assoċjati (anke jekk in-natura ta' dawn ir-relazzjonijiet interrelazzjonijiet ma tistax tiġi spjegata, tal-inqas f'termini statistiċi). Dan għandu implikazzjonijiet importanti f'termini ta' prevenzjoni. Jeħtieġ li jiġu promossi approċċi aktar magħquda biex jiġu trattati dawn iż-żewġ tipi ta' problemi tas-saħħa.

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)** hija impenjata li tagħmel lill-Ewropa post tax-xogħol aktar sigur, aktar f'saħħtu u aktar produttiv. L-Aġenzija tirriċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, ibbilanċjata u imparzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà u torganizza kampanji pan-Ewropej ta' sensibilizzazzjoni. Stabbilita mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija tlaqqa' flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, il-gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, kif ukoll l-esperti ewlenin f'kull wieħed mill-Istati Membri u lil hinn minnhom.

**Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol**

Santiago de Compostela 12, 5th floor  
48003 Bilbao, Spain  
Tel. +34 944358400  
Fax +34 944358401  
E-mail: [information@osha.europa.eu](mailto:information@osha.europa.eu)

<http://osha.europa.eu>



Publications Office